MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru 22/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Kontra**
**John Polidano**

**Att t' Akkuza Nru: 22/2010**

Illum 14 ta' Frar, 2013

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 22 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat John Polidano detentur tal-karta tal-identita bin-numru 360965M li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'xi xhur qabel id-9 ta' Awwissu 2009 l-akkuzat John Polidano iddecieda li jibda jikkoltiva l-pjanta *Cannabis*. Huwa akkwista xi zerriegha ta' din il-pjanta u zeraghhom fil-gardina tal-fond 49 Triq id-Dulur Birzebbugia liema fond kien qieghed jintuza minnhu. L-akkuzat John Polidano

kien jikkura u jsaqqi dawn il-pjanti u irnexxielu ikabbar hmistax-il wahda.

Dawn il-pjanti fortunatmanet gew skoperti meta l-pulizija wetqet tfittxija f'din ir-residenza. Minghajr zkuk u gheruq dawn il-pjanti kienu ta' piz totali ta' 763 grammi u liema droga meta mibjugha fit-triq kient tirrendi aktar minn disa' telef, disgha mija u dsatax-il Euro (€9919).

L-akkuzat ammetta mal-pulizija li l-pjanti kienu tieghu u li kien hu li kien kabbarhom.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi John Polidano sar hati talli kkoltiva l-pjanta *Cannabis*.

Illi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 15 ta' Gunju 2005, 16 ta' April 2007 u 3 ta' Settembru 2007 l-akkuzat instab hati ta' diversi delitti u f'tnejn minnhom gie ikkundanat perjodu ta' prigunerija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi John Polidano recidiv f'delitt talli kkoltiva l-pjanta *Cannabis*; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmi (€2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf, erbgha mija tmienja u sittin Ewro sebgha u sittin Ewro centezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjetà mobbli u mmobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(c), 9, 10(1), 12 u 22(1)(a)(2)(a)(i)(3)(3A)(a)(b)(c)(d) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u fl-artikoli 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fid-9 ta' Awissu 2009 waqt tfittxija li ghamlu l-Pulizija fic-cirkostanzi u fil-fond ndikati fl-ewwel Kap ta' l-att ta' l-akkuza, l-akkuzat John Polidano instab fil-pussess ta'

hmistax-il pjanta tal-Cannabis. Fil-fatti kien l-akkuzat stess li ammetta mal-pulizija li kien hu li zergha, kabar u ha hsieb dawn il-pjanti billi saqiehom u ikkurahom.

Illi l-akkuzat kien ghamel uzu minn ammonti zghar minn din id-droga u l-bqija kien jidher car li kienet intiza biex tigi mibjugha, prokurata u fornuta lil terzi persuni.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi John Polidano sar hati talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Illi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 15 ta' Gunju 2005, 16 ta' April 2007 u 3 ta' Settembru 2007 l-akkuzat instab hati ta' diversi delitti u f'tnejn minnhom gie ikkundanat perjodu ta' prigunerija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi John Polidano recidiv f'dellitt talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru

responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn (€2329.37) elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmi) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf, erbgha mija tmienja u sittin Ewro sebgha u sittin Ewro centezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-regoli 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fid-9 ta' Awissu 2009 waqt tfittxija li ghamlu l-Pulizija fil-fond 47 Triq id-Duluri B'Bugia, l-akkuzat John Polidano nstab fil-pussess ta' bicca blokka suspetta resina tal-Cannabis fost affarijiet ohra relatati mad-droga.

Illi fil-fatt espert tekniku mahtur mil-Qorti kkonferma li din is-sustanza kienet resina tal-Cannabis. Din instabet fil-kamra tas-sodda ta' John Polidano u l-akkuzat ammetta li kienet tieghu u xtraha biex ippejjipa. Illi din ir-resina kienet ta' piz ta' 0.88 grammi.

Illi ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi John Polidano sar hati talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollom bhala bazi din ir-raza cannabis li ghalija tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Illi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 15 ta' Gunju 2005, 16 ta' April 2007 u 3 ta' Settembru 2007 l-akkuzat instab hati ta' diversi delitti u f'tnejn minnhom gie ikkundanat perjodu ta' prigunerija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi John Polidano recidiv f'delitt talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima Vi ta' l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn

ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin suro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23, 293. 73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u dan skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 10(1) 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G, 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 17, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fl-istess data, post u cirkustanzi deskritti fit-tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza, waqt din l-istess tfittxija li ghamlu l-Pulizija fil-fond 47 Triq id-Duluri B'Bugia, l-akkuzat John Polidano instab ukoll fil-pussess xjenti ta' ammont zghir suspettata droga Eroina.

Dak in-nhar, meta saret it-tfittxija fil-kamra tas-sodda ta' l-akkuzat John Polidano, il-Pulizija elevat borza bi trab kannella. Wara ezami tekniku maghmul minn espert mahtur mill-Magistrat, irrizulta li dan it-trab kien droga Eroina fl-ammont totali ta' 0.88 grammi b'purita ta' tmienja u ghoxrinu fil-mija (28%).

L-akkuzat ammetta mal-Pulizija li din id-droga Eroina kienet tieghu.

Id-droga Eroina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b'ghemilu, l-imsemmi John Polidano sar hati talli kellu fil-pussess xjenti tieghu d-droga Eroina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat

li jimmanifatura jew iforni dik id-droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru Responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru Responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Illi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 15 ta' Gunju 2005, 16 ta' April 2007 u 3 ta' Settembru 2007 l-akkuzat instab hati ta' diversi delitti u f'tnejn minnhom gie ikkundanat perjodu ta' prigunerija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuza lill-imsemmi John Polidano recidiv f'delitt talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin suro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (23, 293. 73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u dan skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 17(b), 18, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Ghaldaqstant, tiddikjara lil John Polidano recediv u hati talli:

1. fix-xhur qabel id-9 t’Awwissu, 2009 gewwa l-fond 49 Triq id-Dulur, B’Bugia, kkoltiva l-pjanta *Cannabis*, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. fid-9 t’Awwissu, 2009, gewwa l-fond 49, Triq id-Dulur, B’Bugia, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.
3. fid-9 t’Awwissu, 2009 gewwa l-fond 47, Triq id-Duluri, B’Bugia, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tat-Taqsima Vi ta’ l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

4. fid-9 t’Awwissu, 2009, gewwa l-fond 47, Triq id-duluri, B’Bugia, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dana skond ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero’ ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b’arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta’ barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**” [24.2.1997] (Qorti Kriminali); “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali); “**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”** [17.7.2002] (Qorti ta’ l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 8(c), 9, 10(1), 12, 20 u 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3)(3A)(a)(b)(c)(d),

26, 30 u 30A ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, r-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [N.G 292 ta’ l-1939] u fl-artikoli 17, 17(b), 18, 23, 23A, 23B, 23C, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati**, John Polidano** ghall-piena komplessiva ta’ tmin (8) snin **prigunerija**, kif ukoll tikkundannah ihallas multa ta’ elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Ewro u seba` w tletin centezmi **(€2329.37),** kif ukoll li jhallas is-somma ta’ Disgha mija u tmienja u sittin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€968.28) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------